SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 33/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 30/10/'14** **316**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 30/10/'14** **371**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 21/11/'13** **19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 30 ta' Ottubru 2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.00 p.m.

1.03 Preżenti:
Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier John Agius
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (0)

1.05 Assenti (0)

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0)

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-24 ta' Ottubru 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014
4. Budget / Business Plan
5. Rapport tax-Xogħolijiet
6. Aġġornament xogħolijiet iffinanzjati mill-fondi tar-Reġjun Ċentru
7. Aġġornament xogħolijiet PPP
8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċerman ressaq il-Minuti 32/K7/14 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 32/K7/14.

1.3.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 03/KA2/14 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' ).

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

5184 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-Bring-in-Sites fil-lokalita'.

5235 Talba għall-permess sabiex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet barra 'l parapett tal-Barracuda Restaurant.

5244 Korrispondenza dwar it-tmiem ta' impjieg tas-Sur Carlo D'Amico.

5258 Gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-Kumpless Dun Anton Sciberras.

5337 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-post vakanti fil-Kunsill.

MEMO103/2010 Hinijiet Minimi Obbligatorji Tal-Ftuħ Tal–Uffiċini Tal-Kunsilli Lokali.

5343 Talba għall-bozoz ġodda fil-lokalita'.

5399 Email mingħand il-Green MT fir-rigward il-pagamenti dovuti lill-Kunsill.

K1202 & 5416 Korrispondenza dwar ix-xiri ta' Microsoft Office 2013.

5437 Korrispondenza dwar rampa f'Telghet B'Kara.

5440 Email dwar l-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi żgħażugħ/a minn barra l-lokalita'.

5449 Ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fir-rigward il-ftehim kollettiv tal-impjegati tal-Kunsilli Lokali 2012 – 2016.

5648 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-attendenza ta' Kunsillier għal-laqgħat tal-Kunsill.

5732, 5782, 5783 & 5784,5785, Int.Memo 1/2014 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-impjegati tal-Kunsill.

5786 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 **Rif. Nru. 5235**

B'riferenza għat-talba tal-Barracuda Restaurant għall-permess sabiex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet barra 'l parapett, l-Kunsill oġġezzjona unanimament li jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet barra 'l parapett minħabba li din iż-żona hija pubblika u passaġġa.

**Rif. Nru. 5258**

2.03 B'riferenza għall-gwida mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali b'konnessjoni mal-Kumpless Dun Anton Sciberras, ġie deċiż unanimament li jerga' jinħareġ tender. Iżda qabel jintbagħat għall-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill u jinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill.

**Rif. Nru. Memo 103/2010**

2.04 Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 103/2010 dwar Hinijiet Minimi Obbligatorji Tal-Ftuħ Tal – Uffiċini Tal-Kunsilli Lokali. Ġie deċiż unanimament li tiġi applikata bi prova sa Diċembru u jekk ma jkunx hemm xi raġuni oħra valida tibqa' fis-seħħ.

2.05 Fir-rigward ħruġ ta' permessi u pagamenti oħra, jibqa' kollox kif inhu, jiġifieri mit-Tnejn sal-Gimgha mit-8.00a.m. sal-11.30a.m. u nhar ta' Erbgħa biss fix-xitwa, mis-1.00p.m. sat-3.00p.m.

**Rif. Nru. 5343**

2.06 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar talbiet li qed isiru għal dawl ġdid. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ispiża għal kull talba tilħaq madwar €2,324.50 (Ara inc. 5771/14).

2.07 Minħabba li l-finanzjament tal-Kunsill ma jippermettix għal dawn it-tip ta' spejjez, ġie deċiż unanimament li:-

a) tintalab laqgħa mal-Ministru għall-Enerġija u Saħħa l-Onor Dott. Konrad Mizzi sabiex tiġi diskussa din il-materja.

b) l-klijent li għamel it-talba għall-bozza ġdida fi Triq Patrick Brydone, jiġi nfurmat li l-proposta tiegħu ġiet diskussa fuq livell ta' Kunsill u ser tintalab laqgħa mal-Ministru tal-Enerġija u Saħħa l-Onor. Dott. Konrad Mizzi bit-tama li tiġi solvuta din il-problema.

**Rif Nru. 5399**

2.08 Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Green MT dwar il-pagamenti dovuti lill-Kunsill. Il-Kunsill ġie nfurmat li s'issa l-Kunsill ma rċieva l-ebda pagament.

2.09 **Rif Nru. 5437**

Saret riferenza ghall-korrispondenza fir-rigward ir-rampa f' Telghet Birkirkara. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsil jinsab sodisfatt bix-xogħolijiet li saru u għandhom jiġu nfurmati l-Pulizija sabiex dan il-każ jingħalaq.

**Rif Nru. 5440**

2.10 B'riferenza għal email dwar l-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi żgħażugħ/a minn barra l-lokalita' ġie deċiż unanimament li d-Dipartiment jerġa' jiġi nfurmat skont id-deċiżjoni li ttieħdet fil-Minuti 25/K7/14 Taqsima 6 Paragrafu 6.02 fejn f'dan l-istadju l-Kunsill ser jibqa jipprova jsib żagħzugħ/a li j/tkun interessat/a għall-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi.

**Rif Nru. 5732, int. Memo1/2014, 5785, 5782, 5783, 5784**

2.11 Il-Kunsill ġie nfurmat li b'riferenza għal-laqgħa preċedenti fejn is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għad-deċiżjoni tal-Kunsill il-ħtieġa li jingħataw promozzjonijiet: wieħed ta' Uffiċjal Assistent Prinċipali (Scale 11) u tlett postijiet ta' Uffiċjali Eżekuttivi (Scale 13), u b'riferenza għall-korrispondenza tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, inħarġet sejħa nterna biex jimtlew dawn il-postijiet. Ms. Connie Said applikat għall-post ta' Ufficjal Assistent Prinċipali (Scale 11) u Ms. Marilyn Cassar, Ms. Josianne Cutajar u Ms Cher Carmen Fenech applikaw għall-postijiet ta' Uffiċjali Eżekuttivi ( Scale 13).

2.12 Ġie deċiż unanimament li jingħataw is-salarju skont id-deċiżjoni tal-laqgħa Minuti 32/K7/14 taqs. 6 para. 6.03 – 6.05.

**Rif Nru. 5786**

2.13 B'riferenza għall-korrispondenza mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015 ġie deċiż unanimament li terġa ssir l-applikazzjoni għall-attivita' 'Il-Festa ta' Lapsi'.

2.14 Ġie deċiż unanimament li ssir talba lir-Reġjun Ċentru għall-ammont ta' €5,000.00 sabiex isir sports festival.

**3. Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014 (Ara Appendiċi 'B').

3.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata ta' dan ir-rapport.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2014.

3.04 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Budget/Business Plan**

4.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-preparazzjoni tal-Budget/Business Plan. (Ara Appendiċi 'C').

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata.

4.03 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li meta jiġi mqassam il-budget fuq ir-responsabilitajiet tal-Kunsill jirrizulta li ma jibqax finanzi sabiex il-Kunsill iwettaq xogħolijiet oħra ta' bzonn fil-lokalita'. S'issa l-Kunsill jista' jagħmel ċerti xogħolijiet li huma ta' neċessita' permezz ta' fondi li preżentament qed jingħataw mill-fondi tar-Reġjun Ċentru li jinġabru miċ-ċitazzjonijiet.

4.04 Wara diskussjoni l-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Budget/Business Plan.

4.05 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

4.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.07 Dan id-dokument huwa approvat dment li ma jkunx hemm raġuni valida wara l-laqgħa tal-lokalita' li jkollu jiġi rivedut.

**5. Rapport tax-Xogħolijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq ir-**Rapport tax-Xogħlijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2014 kif ukoll il-Pjan għas-sena 2015** għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tar-rapport tax-xogħlijiet.

5.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6. Aġġornament xogħolijiet iffinanzjati mill-fondi tar-Reġjun Ċentru**

6.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'rapport aġġornat tax-xogħlijiet li qed jiġu ffinanzjati mill-fondi tar-Reġjun Ċentru (Ara Appendiċi 'E').

6.02 Hawnhekk inġibdet attenzjoni tal-Kunsill li ma nħarġitx il-*works order* għax-xogħolijiet b'konnessjoni mal-Bus Stop Area peress li l-bilanċ ma jkoprix l-ispiża.

6.03 F'dan istadju ġie deċiż unanimament li jsiru xogħolijiet fi triq Santa Rita u fuq il-bankina ta' Triq Qalb Imqaddsa skont l-istejjem mehmuża (Ara Appendiċi 'F' – inc. 5472/14 u 5101/14).

6.04 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li fi zmien xahrejn ser jidħlu aktar fondi mir-Reġjun Ċentru u li dawn ser jintużaw għall-Bus Stop area li hemm fil-Pjazza Qalb ta' Ġesu faċċata tal-Love Monument fi Triq San Ġorġ.

**7. Aġġornament Xogħolijiet PPP**

7.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-kuntrattur ta' PPP baqa' ma kompliex ix-xogħolijiet u li l-estenzjoni tal-permess ta' Transport Malta jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2014.

7.02 Il-Kunsillier Anthony Grech ġie skużat fl-3.45p.m.

7.03 Ġie deċiż unanimament li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jiġi nfurmat b'din is-sitwazzjoni u li l-Kunsill ilu jiġi mwiegħed li ser jitkomplew ix-xogħolijiet iżda sallum dawn ix-xogħolijiet għadhom ma sarux.

**8. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet.**

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'G').

8.02 Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.03 Il-Kunsillier Alex Grech issekonda l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 3623 sa 3640 (Ara Appendiċi 'H').

9.02 Wara diskussjoni qasira il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets minn Nru. 3623 sa 3640.

9.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ssekondatu.

9.04 il-Kunsill qabel unanimament.

9.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**10. Materji Oħra**

10.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-bilanċ ta' 92 siegħa mill-Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2014 ser jiġu mġedda għas-sena 2015 u li diġa saret it-talba lid-Direttur għall-Gvern Lokali.

10.02 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni.

10.03 Il-laqghat li jmiss ser isiru kif ġej:-

a) Il-Ħamis 20 ta' Novembru 2014 fis-2.30 p.m.

b) Il-Ħamis 4 ta' Diċembru 2014 (Laqgħa Annwali) fis-6.00 p.m.

c) Il-Ħamis 29 ta' Jannar 2015 fis-2.30 p.m.

10.04 Ġie deċiż unanimament li:-

a) Għal żmien il-Millied bħas-snin ta' qabel tittella l-attivita' għall-anzjani.

b) L-ikla tal-Kunsill issir f'Jannar 2015; aktar dettalji jingħataw 'l-quddiem.

10.05 Il-laqgħa ntemmet fl-4.10p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**